**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 2 ta' Dicembru 2015

Rikors Guramentat numru : 355/11 AL

**A B u R U**
**mart M U ID**

**Vs.**

**C sive LD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-atturi, li *in forza* tieghu, wara li ppremettew :

1. Illi jiena u hija l-attur l-iehor dejjem konna nafu li ahna ulied naturali ta' C sive LD. Peress illi ommi, S B, kienet xebba, kienet indikatilna min hu missierna;
2. Jien personalment kont niftakru jkun id-dar taghna u sahansitra lili kien jaghtini xi flus. Gieli wkoll mort jien personalment fil-garaxx illi qieghed Valletta Road, Qormi;
3. Hija kien joqghod ghand iz-zija Carmen u ma kellux daqshekk kuntatt mieghu ghalkemm niftakar okkazjoni

meta kien hariglu wkoll u anke meta hija kien mar talbu l-flus, bhalma ta' lili, ta lilu wkoll;

4. Ahna t-tnejn ippreparati illi naghmlu d-DNA. Jiena (R U) twelidt fl-4 ta' Settembru, 1978 u hija A twieled fid-29 ta' Dicembru, 1979;

**Kawzali**

Illi l-atturi jafu li missierhom huwa C sive LD, li qatt ma irrikonoxxihom bhala uliedu, ghalkemm kien konviventi ta' ommhom;

Illi huma ghandhom dritt f'kull zmien li tigi dikjarata l-paternita' taghhom, u mhux li jibqghu jidhru qishom mitwielda minn omm biss;

Talbu li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u moghti kull provvediment opportun inkluz l-ezami tad-demm :

(1) Tiddikjara illi l-konvenut huwa l-missier naturali ta' l-atturi, A B ID 31980 (M) u R U mart M U ID 414278 (M), li twieldu rispettivament fid-29 ta' Dicembru, 1979 u fl-4 ta' Settembru, 1978, rispettivament, minn S B xebba u registrati bhala ulied "missier mhux maghruf";

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-atturi;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament l-intimat jinnega li huwa kien konviventi ma omm ir-rikorrenti u se mai huwa kien biss ighinha finanzjarjament fil-problemi socjali li ghaddiet minnhom;
2. Illi huwa gieli kellu relazzjoni sesswali ma ommhom izda ommhom dejjem cahdet li huwa kellu ulied minnha u a

bazi ta' dik l-istess cahda huwa llum jichad l-pretensjonijiet tar-rikorrenti;

3. Illi f'kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, il-konvenut m'ghandux jbaghti l-ispejjez tal-kawza odjerna peress illi l-intimat qatt qabel ma giet pprezentata din il-kawza ma kien affaccjat mir-rikorrenti jew minn ommhom bit-talba sabiex jgharaf lir-rikorrenti bhala uliedu anzi dejjem cahdet dan meta huwa setgha kellu xi dubju dwar l-istess;
4. Illi l-atturi ghandhom jindikaw ai termini ta' liema Artikolu tal-Ligi qed jaghmlu t-talba odjerna u jekk ma hemm l-ebda Artikolu li tahtu qed issir din il-kawza allura il-kawza ghandha tigi iddikjarata nulla;
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut ;

Semghet lix-xhieda illi tressqu ;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment ;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet ;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba da parti ta' l-atturi A B u R U sabiex hija tiddikjara li l-konvenut C sive LD huwa l-missier natruali ta' l-atturi.

Min-naha tieghu l-konvenut C sive LD qieghed jopponi ghat-talba ta' l-atturi u dan peress li qieghed jinnega li huwa qatt kien konviventi ma' omm ir-rikorrenti u kien jghina biss finanzjarj ament fil-problemi socjali li ghaddiet minnhom, li huwa gieli kellu relazzjoni seswali ma' ommhom izda ommhom dejjem

cahdet li huwa kellu ulied minnha u a bazi ta' dik l-istess cahda huwa llum jichad l-pretensjonijiet tar-rikorrenti, illi fi kwalunkwe kaz il-konvenut m'ghandux jbati l-ispejjez tal-kawza odjerna peress illi l-intimat qatt qabel ma giet ipprezentata din il-kawza ma kien affaccjat mir-rikorrenti jew minn ommhom bit-talba sabiex jaghraf lir-rikorrenti bhala uliedu anzi dejjem cahdet dan, meta huwa seta' kellu xi dubju dwar l-istess u li l-atturi ghandhom jindikaw ai termini ta' liema artikolu tal-ligi qed jaghmlu t-talba odjerna u jekk ma hemm l-ebda artikolu li tahtu qed issir din il-kawza allura il-kawza ghandha tigi dikjarata nulla.

## Il-mertu tal-kaz

Illi l-mertu tal-kaz odjern jikkoncerna l-fatt jekk ir-rikorrenti irnexxielhomx jippruvaw sal-grad rikjest mill-Ligi jekk humiex jew le l-ulied naturali ta' l-intimat C sive LD .

Illi l-attur A B li twieled fid-29 ta' Dicembru 1979[1] jiddikjara[2] li minn ckunitu ilu jaf li l-konvenut kien missieru u l-missier t'ohtu l-attrici l-ohra R U u dan peress li ommu dejjem hekk qaltlu u peress li l-istess intimat dejjem kien jittrathom ta' uliedu. Wara li mietet ommu, talab lill-intimat biex jaghmel it-test tad-demm izda l-intimat irrifjuta. Ir-rikorrenti l-ohra R U li ftit ikbar mir-rikorrenti huha, li twieldet fl-4 ta' Settembru 1978[3], tiddikjara[4] li tixtieq tkun taf x'inhi l-linja genetika taghha u li l-intimat qatt ma irrifjuta li hi bintu, izda c-certifikat li hemm l-insinwa ma jirriflettix dan. L-istess R U tkompli tghid[5] li l-intimat (li matul ix-xiehda taghha tirreferi ghalih bhala missierha) qatt ma cahad li hu kien missierha, u ommha wkoll kienet tghidilha li huwa missierha.

---

1 Certifikat tat-twelid prezentat a fol 12 tal-process numerat 319/1980

2 Permezz ta' affidavit tieghu prezentat a fol 14 tal-process

3 Certifikat tat-twelid prezentat a fol 13 tal-process numerat 4142/1978

4 Permezz ta' affidavit taghha prezentat a fol 15 tal-process

5 Ara x-xhieda taghha a fol 30 et seq tal-process

Huwa kien jaghtiha l-flus, izda darba meta kellha tlettax-il sena staqsietu biex jirrikonoxxiha bhala bintu, qalilha li seta` jnizzilha fuq ragel iehor li kien prezenti dak il-hin. Hi zzid li r-raguni kienet biex ma jinqalax inwkiet minhabba wliedu l-ohra. Flimkien max-xiehda taghha hijaipprezentat zewg ritratti tal-konvenut ma' tarbija (li iktar tard il-konvenut jikkonferma li huwa hu flimkien ma' l-attrici) u kopja ta' ittra datata 22 ta' Lulju 1978 indirizzata lil certa S[6], liema dokumenti ma jidhrux li huma awtentikati u lanqas ma xehdu dwarhom l-atturi. Iktar tard waqt il-kontro-ezami taghha[7], l-attrici R U tghid li kull darba li kienet tmur il-garaxx tal-konvenut huwa jien joqghod jghid man-nies li vera tixbhu u meta kienet tohrog ta' hmistax-il sena, l-konvenut kien jibghat habib tieghu jishmu Joe biex jara x'ihni taghmel. Oltre dan, hi tikkonferma li l-konvenut ma riedx jirrikonixxiha ghax kien jibza' li se jinqala l-inwkiet mal-familja tieghu.

Ir-rikorrenti A B fix-xiehda tieghu jghid[8] li huwa ma tantx trabba *close* tal-konvenut izda meta huwa ghalaq it-tmintax-il sena, talab lill-konvenut biex jixtrilu karozza, u l-konvenut tah il-flus biex jixtri parti minn din il-karozza. Huwa jikkonferma dak li qalet ohtu, li meta talab li jsir it-test tal-paternita`, il-konvenut irrifjuta. Huwa jzid jghid, waqt il-kontro-ezami tieghu, li l-konvenut meta kien zghir gieli xtralu xi toys u kien imur flimkien mieghu u ma ohtu xi dawra bil-karozza[9].

Il-konvenut C sive LD min-naha tieghu jispjega[10] kif huwa ltaqa' ma' S, omm l-atturi f'Settembru tas-sena 1977 f'bar fil-Gzira, u li lilu qaltlu li sa xahrejn qabel kienet tahdem fil-hwienet ta' Strada Stretta. Dak il-lejl spicca li hu flimkien ma' shabu mar maghha u wassalha hu d-dar dak il-lejl. Huwa jzid jghid li wara dak in-nhar

6 Ezebiti a fol 33 sa fol 36 tal-process

7 Ara xhieda a fol 77 sa fol 81 tal-process

8 Ara xhieda a fol 37 et seq tal-process

9 Ara xhieda a fol 82 sa 85 tal-process

10 Affidavit prezentat a fol 41 sa 44 tal-process

ftit li xejn kienu jiltaqghu, izda gieli spicca jwassalha hu d-dar ghax kien jithassarha. Darba ltaqa maghha l-Gzira fejn hemmhek infurmatu li xorbot hafna ghax kienet tqila u riedet tkorri biex tkompli tahdem, u din il-haga mhux darba ghamlitha izda inzertaha hafna drabi ohra wara, ghax mhux l-ewwel darba li kien ikun fl-akkwati fejn kienet tkun hi. Hu jzid li kien jithassarha u kien jghinha finanzjarjament biex tieqaf milli tmur ma' l-irgiel. Ghaddew xhur u ma rahiex izjed sakemm darba rega' inzertaha u wassalha d-dar, u meta wasal id-dar ridietu jidhol id-dar ghand ommha biex turih it-tarbija li kienet welldet, u fil-pront omm l-atturi harget camera tar-ritratti qadima u hadet xi ritratti bit-tifla f'idu. Il-konvenut izid jghid li beda jirdievi tghajjir u r-ritratti li kienet hadet omm l-atturi, u skond hu omm it-tfal kellha f'mohha biss li ggelldu minn ma' martu u t-tfal tieghu, li tirrikattah. Ir-rikatt waqaf minn omm l-atturi u skont hu l-atturi bdew jirrikattawh tant li l-attrici darba talbitu ghajnuna finanzjarja biex thallas il-karozza u hu sellifha xi flus. Huwa jghid li wara snin twal u wara li kienet mietet omm l-atturi S, bdew ir-rikatti min-naha ta'l-atturi u meta darba ltaqa' b'kumbinazzjoni ma' l-attrici S hija infexxet f'tghajjir, huwa jzid jghid li lanqas biss kien jaf li kellha iben izda sar jaf biss fis-sena elfejn u disa' (2009) meta guvnott ta' statura twila infurmah li ommu S qabel ma' mietet qaltlu li tahseb li missieru kien  l-konvenut. Meta staqsih meta twieled u qallu Dicembru 1979 il-konvenut qallu li ma jistax ikun ghaliex huwa kien ilu 'l fuq minn sena sewwa ma' jara lil ommu S. Jzid li ntalab xi flus mill-attur u huwa irrifjuta. Fl-ahhar ta' l-affidavit tieghu il-konvenut jiddikjara li qieghed isofri minn problemi ta' sahha izda l-attur kompla jittantah u jfittxu, u llum jinsab *"mhasseb ghal sahhti u dik ta' familti, ghaliex ghalija din kienet theddida serja li ghad qeghda tkissirli rasi ta' kuljum"*.

F'din il-kawza tixhed ukoll Carmen Pace[11] li tigi z-zija ta' l-atturi u allura oht omm l-atturi S, li tghid li hija taf lill-konvenut ghaliex kien f'relazzjoni ma' ohta u kien jigi l-gurnata tal-Gimgha u kien jaghti lil ohtha S ghaxar liri kull Gimgha, bhala manteniment ghat-tfal, kien xtralha wkoll pram, u hallsilha sptar privat biex twelled iz-zewgt ulied u tiftakar li dak iz-zmien kienet xi mitt lira Maltin biex twelled fi sptar privat. Hi zzid tghid li damu xi hamsa jew sitt snin flimkien, izda meta jista' jkun li saret taf il-mara tal-konvenut bir-relazzjoni, il-konvenut kien qalilha li mhux se jmur izjed fit-triq taghhom u minflok kienet titla' ohta S bit-tifla R fil-garaxx li kellu Hal-Qormi. Ix-xhud tiftakar li l-konvenut kien dam snin twal jaghti flus lill-omm l-atturi, u fil-fatt li meta ghal habta ta' zmien il-Milied S kienet waslet biex twelled lill-attur A, kienet qaltilha biex iccempel lill-konvenut ghax kien lestilha l-Isptar.

Il-Qorti tirrileva li l-intimat dejjem irriffjuta f'dawn il-proceduri li huwa jaghmel it-test tad-DNA[12], ghalhekk il-Qorti kellha tordna biex l-istess intimat jissottometti ruhhu ghall-ezami tad-DNA u ghal dan il-ghan hatret lil Dr. Marisa Cassar sabiex taghmel l-ezamijiet kollha necessarji[13]. Min-naha taghha, Dr. Marisa Cassar intavolat nota[14] fejn qalet hekk, *"B'digriet mghoti lili mill-Qorti nhar it-12 ta' Frar 2015 jiena gejt inkarigata li naghmel it-test tad-DNA ta' R U, A B u C D. Illi waqt li R U u A B gew nhar l-24 ta' Marzu 2015, biex ittiehdilhom kampjun ghat-test tad-DNA, C D ma giex biex jittiehidlu l-kampjun. Hu infurmani li tkellem ma' l-avukat tieghu."*

## **Dwar l-eccezzjonijiet imressqa mill-konvenut**

[11] Ara xhieda ta' Carmen pace a fol 62 sa fol 67 tal-process u minn fol 73 sa fol 76 tal-process

[12] Ara verbali a fol 28 tal-process u x-xhieda moghtija mill-intimat a fol 54 sa fol 56 tal-process datata 11 ta' Gunju 2014 meta l-istess intimat baqa' jirrifjuta li jaghmel hekk anke wara li nghata spjegazzjoni dettaljata minn din il-Qorti kif preseduta.

[13] Ara verbal ta' din il-Qorti a fol 71 sa fol 72 tal-process.

[14] Prezentata a fol 87 tal-process

Il-Qorti fil-kawza odjerna ghandha sitwazzjoni fejn ghandek iz-zewg partijiet li qeghdin jghidu affarijiet li huma ghal kollox opposti minn xulxin. Fix-xiehda tieghu l-konvenut qieghed jallega li omm l-atturi, S kienet tmur ma' diversi irgiel, u li hu kien jinzertaha u mhux jiftiehem biex jiltaqa' maghha. Fl-affidavit tieghu jsemmi li darba kellhom rapport sesswali u dan kien fl-ewwel lejla li ltaqa' maghha u kienu diversi nies li kellhom x'jaqsmu maghha dak in-nhar, fosthom huh. L-atturi min-naha taghhom jghidu li ilhom jafu lill-konvenut snin u sahansitra ngabet bhala xhud taghhom l-istess zithom li ikkonfermat li l-konvenut kien jiltaqa' ma' omm l-atturi u ma' l-atturi b'mod frekwenti, li gieli ghaddielhom flus, li kien ihallsilhom diversi affarijiet u li hallas l-isptar privat fejn twieldu l-atturi, li fil-fatt jirrizulta mic-certifikati tat-twelid ta' l-atturi prezentati mill-konvenut stess fejn hemm indikat li l-atturi twieldu fl-Isptar *"Saint Catherine of Siena Hospital , Attard*[15]*"*. Huwa difficli li din il-Qorti temmen il-verzjoni tal-konvenut li huwa kien jghin lill-omm l-atturi finanzjarjament ghaliex sempliciment kien jithassarha, minghajr raguni ta' xejn u aktar u aktar li jhallas il-kontijiet ta' l-Isptar meta omm l-atturi welldet lill-istess atturi. Oltre dan, il-Qorti ftit tista' temmen lill-attur meta jaghmel referenza ghar-ritratti[16] ezebiti mill-attrici R U, li dawn ittiehdu wara li kumbinazzjoni ltaqa ma' omm l-atturi wara hafna xhur u wassala d-dar taghha, jidher car li l-konvenut f'dawn ir-ritratti qieghed f'pozizzjoni li jidher li qieghed jippoza ma' tarbija minn tieghu.

Illi jidher car li l-konvenut ghamel certa allegazzjonijiet fl-affidavit tieghu biex jipprotegi n-nukleju familjari li ghandu, izda dawn l-allegazzjonijiet tal-konvenut ma' gewx ippruvati u fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-atturi irnexxielhom jippruvaw sal-grad rikjest mill-Ligi li l-konvenut kellu relazzjoni ma' ommhom li

---

[15] Ara fol 46 u fol 47 tal-process

[16] Ezebiti a fol 33 tal-process

damet ghal diversi snin u dan fiz-zmien meta twieldu huma stess.

Illi ghalhekk, ladarba gie stabbilit li l-konvenut kellu relazzjoni li damet ghal diversi snin ma' omm l-atturi fiz-zmien meta twieldu l-atturi, jonqos il-prova li huwa l-konvenut li huwa effettivament il-missier naturali ta' l-atturi. F'kazijiet ta' din ix-xorta din il-Qorti dejjem tirrikjedi li jkun hemm il-prova tat-test xjentifiku tad-DNA, f'dan il-kaz ma naqasx li din il-Qorti in vista tar-rifjut tal-konvenut li jissottoponi lilu nnifsu ghat-test tad-DNA, ordnat[17], ai termini ta' l-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-konvenut u l-atturi jissottomettu ruhhom ghall-ezami xjentifiku tad-DNA u ippreffiggiet terminu ta' xahar biex dan isir. Sussegwentement ghal din l-ordni tal-Qorti, jirrizulta li l-konvenut ma attendietx ghall-appuntament iffissat minn Dr. Marisa Cassar biex isir dan it-test.

It-test xjentifiku tad-DNA huwa l-prova regina tal-paternita', huwa prova li jgorr sahha probatorja tali li ma thalli l-ebda dubju f'mohh il-gudikant dwar il-paternita' u allura zgur sal-grad tac-certezza morali. Izda fil-kawza odjerna it-test xjentifiku tad-DNA ma sarx, purament minhabba r-rifjut car gia msemmi u ikkwotat hawn fuq tal-konvenut. Allura, ladarba t-test xjentifiku tad-DNA jwassal ghal certezza morali dwar il-paternita' ta' persuna, dan ir-rifjut min-naha tal-konvenut, ma jistax jittiehed b'mod legger minn din il-Qorti.

Hawnhekk il-Qorti trid tistharreg u tara x'kien hemm fl-*animu* tal-konvenut meta huwa irrifjuta, anke wara li din il-Qorti kienet spjegatlu bir-reqqa, li kellu jaghmel it-test xjentifiku tad-DNA, Jidher li dan ir-rifjut huwa emanat minn probabbilita' manifestata min-naha tal-konvenut li jekk jissottponi lilu nnifsu ghat-test tad-DNA, huwa verament probabbli li jirrizulta li huwa

[17] Ara verbal ta' din il-Qorti a fol 71 u 72 datt 12 ta' Frar 2015

l-missier naturali ta' l-atturi, u allura tali rizultat ikollu effett hazin fuq il-hajja familjari tieghu, kif anke spjegat fl-affidavit tieghu li sar referenza ghalih iktar il-fuq.

Illi ghalhekk dan ir-rifjut min-naha tal-konvenut li jaghmel it-test xjentifiku tad-DNA, meqjus flimkien mal-provi l-ohra li ngiebu, jipprova b'mod sodisfacenti li l-atturi huma ulied il-konvenut.

Issa l-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-eccezzjoni tan-nullita', u qed issir referenza senjatament ghas-sentenza fl-ismijiet ***K.B. Real Estate Limited vs Silvio Felice Limited*** deciza fit-13 ta' Marzu 2003, fejn il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, qalet hekk, *"Illi l-ligi, tppreskrivi, fost l-ohrajn, li c-citazzjoni ghandu jkun fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-taba. Dan ifisser ukoll li l-premessi tat-talbiet ghandhom iwasslu lil min qieghed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi ut-talbiet. Marbut ma' dan ir-rekwizit, hemm il-principju li l-parti mharrka trid tinghata l-fakolta' li tkun tusta' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iharrika"*. Illi anke fil-kawza ***Angelo u Anna konjugi Fenech vs Pawlu u Rita konjugi Grech*** deciza fl-24 ta' Settembru 2001, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili qalet hekk, *"Illi ghalhekk, citazzjoni m'ghandiex tigi mwaqqgha ghajr ghal ragunijiet gravi. Madanakollu, biex citazzjoni jista' jinghad li ghandha kawzali cara bizzejjed jehtieg li jirrizulta rapport ta' rabta ragonevoli bejn il-premessi u t-talba nniffisha mmirata lejn il-persuna mharrka."* Ghalhekk skont il-gurisprudenza nostrana, mhux necessarju li l-atturi jindikaw ai termini ta' liema Artikolu tal-Ligi qed jaghmlu t-talba taghhom. Il-Qorti ghandha tghaddi biex tiddkjara kawza nulla meta jkun hemm ragunijiet gravi bizzejjed, u senjatament meta l-persuna mharrka ma tkunx fehemet l-import tat-talba u ma tkunx f'qaghda li tiddefendi lilha nfisha. Il-Qorti ghalhekk temmen, li minkejja li l-artikolu ai termini ta' liema saret din il-kawza ma giex imsemmi, l-konvenut gharaf it-talbiet kontenuti fir-rikors promotorju u gharaf jiddefendi ruhhu sew u abbilment ghalihom, ghalhekk il-Qorti

ma tqisx dan il-fatt bhala daqstant gravi li jwassal ghan-nullita' tar-rikors promotorju.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talba attrici billi tiddikjara li l-atturi A B ID 31980(M) u R U mart M U ID 414278(M) li twieldu rispettivament fid-29 ta' Dicembru 1979 u fl-4 ta' Settembru 1978 huma l-ulied naturali tal-konvenut C sive LD.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut C sive LD.

Ft. Dr. Abigail Lofaro
Imhallef

Ft. Rita U-Baldacchino
Deputat Registratur